**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 8 ta' Frar 2022**

**Rikors Nru. 864/2020 GM**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Francois Zammit (ID 330378M) u Claudette Zammit (ID 133979M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-HSBC Bank Malta plc li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

> Il-konvenuti huma debituri tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €72,001.26 liema ammont huwa dovut mill-konvenuti fuq il-"home loan", liema somma ġiet debitament mislufa lill-konvenuti fuq faċilita' ta' Loan Account wara kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro datat 24 ta' Lulju 2012 mill-bank attur u aċċettat minnhom. Dan l-ammont huwa dovut in kwantu għal €52,249.95 rappreżentanti kapital u €19,75l.3l rappreżentanti imgħax dovut sas-16 ta' Settembru 2020.
>
> Il-konvenuti huma debituri wkoll fl-ammont ta' €89,998.49 inkwantu għal €65,939.42 rappreżentanti 1-"capital" u €24,059.09 rappreżentanti imgħax sas-16 ta' Settembru 2020. Dawn l-ammonti huma dovuti in

konnessjoni ma' "maxicredit” wara kuntratt fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro.

Il-konvenuti huma debituri ukoll fl-ammont ta' €6360.63 rappeżentanti nkwantu għal €5,167.82 l-'capital" u €1,192.81 rappreżentanti imgħax sas-16 ta' Settembru 2020. Dawn l-ammonti huma overdraft.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti ma onorawx il-pagamenti miftehma u b'hekk iddekadaw mill-benefiċċju taż-żmien.

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-Bank rikorrenti fl-ammont totali ta' €168,360.38 kapital u nkwantu għal €45,003.21 fl-imgħaxijiet ikkalkulati kif hawn fuq spjegat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena minn dakinhar ‘il quddiem sas-16 ta' Settembru 2020 bl-imgħaxijiet ulterjuri.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta' €168,360.38 (mija tmienja u sittin elf, tliet mija u sittin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu) dovuti kif fuq spjegat bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta’ Jannar 2016 u tal-ittra uffiċjali datata 10 ta’ Settembru 2019 u tal-mandat ta’ sekwestru presentat kontestwalment kontra l-konvenuti. Bl-imgħax ulterjuri skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi minkejja li l-konvenuti huma debitament notifikati[1], baqgħu ma ppreżentaw ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilhom mil-liġi u għalhekk għandhom jitqiesu li huma kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

[1] Fol 66, 70 u 74

Rat il-verbal tagħha tal-20 ta' Jannar 2022[2] li permezz tiegħu tat ħamest ijiem, sabiex il-konvenuti jippreżentaw nota' ta' sottomissjonijiet tagħhom iżda l-konvenuti baqgħu ma ppreżentaw xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Kif ġia ingħad, il-konvenuti huma kontumaċi iżda l-attur f'każi bħal dawn xorta jrid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja hija konstestazzjoni.[3] Li jfisser li "l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut".[4]

**Fatti**

Il-Bank attur ta faċilita` bankarja lill-konvenuti konjuġi Zammit f'ammont ta' €52,410 b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro datat 24 ta' Lulju 2012.[5] Illi permezz ta' ftehim ieħor tal-istess ġurnata, l-istess Bank attur ikkonċeda faċilita` bankarja oħra lill-konvenuti fl-ammont ta' €67,500.[6] Il-konvenuti huma wkoll debituri fl-ammont ta' €6,360.63 in konnsessjoni ma' *overdraft*.

Il-konvenuti ma baqgħux jaffettwaw pagamenti mensili kif obbligati li jagħmlu u għalhekk huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' self u konsegwentament huma debituri solidali tal-bank attur fl-ammont intier ta' **€168,360.38** in kwantu għal €123,357.17 bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u in kwantu għal €45,003.21 f'imgħaxijiet sas-16 ta' Settembru 2020.

[2] Fol 78
[3] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996.
[4] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 Kollez. Vol. XXIX.iii.35
[5] Dok A a fol 5
[6] Fol 18

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-Bank attur ipprova t-talbiet tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti ma onorawx il-pagamenti miftehma u b'hekk iddekadew mill-benefiċċju taż-żmien.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fl-ammont totali ta' mija tmienja u sittin elf, tliet mija u sittin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€168,360.38).

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Bank attur l-ammont ta' mija tmienja u sittin elf, tliet mija u sittin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€168,360.38) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mis-16 ta' Settembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artikolu 1142 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 28 ta' Jannar 2016 u tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Settembru 2019 u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma' din il-kawża a karigu tal-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA